**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 14 ta' Frar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Helga Debono
Spettur Norbert Ciappara

Vs

Gianluca Torres.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gianluca Torres ta' 27 sena, iben Vincenzo u Giuseppina nee' Mirabella, imwieled Siracusa fl-10 ta' Frar 1973, minghajr indirizz fiss detentur tal-karta tal-identita' in-numru 18571 (A) Passaport Taljan numru 73B12017541

Talli f'dawn il-Gzejjer fis-sena 2000 u x-xahar ta' Jannar 2001 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew

obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' iffalsifika l-firem ta' s-Sinjuri Norton fuq diversi cekkijiet tal-BOV mahrugin f'isem is-Sinjuri W.H, u B Norton, kif ukoll iffalsifika l-firma ta' Ian Causon fuq transaction chits mahruga mill-Oracle Casino, Qawra u aktar talli xjentement ghamel uzu minnhom u dan bi ksur ta' Artikolu 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) iffalsifika cedula, polza ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-BOV fuq l-akkont ta' Norton u banek ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna tal-oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghtuf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoki 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann jew billi wera haga b'ohra sabiex iqieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji ghamel qliegh ta' Lm554.90 ghad-dannu tal-Bank of Valletta, Mr and Mrs. Norton, kif ukoll ghamel qliegh ta' Lm300 ghad-dannu tal-HSBC, Ian Causon u diversi persuni ohra bi ksur tal-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Mr u Ms. Norton u dan ghad-detriment tal-istess bank jigifieri Bank of Valletta, is-Sinjuri Norton u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284;

h) ikkommetta serq ta’ Lm300 u dan billi ghamel uzu ta’ Visa Card tal-HSBC misruqa, mahruga fuq l-akkont ta’ Ian Causon liema Visa Card mahruga mill-HSBC giet prezentata u uzata fl-Oracle Casino Qawra, fid-29 ta’ Frar 2000 u dan ghad-detriment tal-istess bank jigifieri HSBC, Oracle Casino, Ian Causon u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284;

i) talli fis-26 ta’ Jannar 2001 u matul is-sena 2000 f’dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicina perikoluza Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess tal-awtorizazzjoni mahruga ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma’ kienx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu din id-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif pprovduta fir-regolament 8 tar-regola tal-1939 dwaril-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

j) U aktar talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16 ta’Marzu 1998, 8 ta’ Jannar 2000, u 19 ta’ Lulju 2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula kif ukoll talli kiser il-perjodu operattiv tas-sezzjoni 9 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta''Malta bi ksur tas-sentenza tal-Qorti datata 10 ta’ Ottubru 1997.

Wara illi rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 284, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 4 u 6 taqsima tal-Ordinanza u regolament 8 tar-regola tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Gianluca Torres hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti fil-waqt li qed issib lill-istess imputat hati, qeghda tikkundannah ghal-piena karcerarja ta' tmintax-il-xahar (18) pero' tordna illi din il-piena ma' tibdix issehh jekk fi zmien sentejn (2) mil-lum, l-imputat ma' jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija. Kif ukoll din il-Qorti qeghda tordna lill-imsemmi imputat ihallas is-somma ta' tminn mitt lira maltin (Lm800), fiz-zmien sitt xhur(6) f'idejn il-Prosekuzzjoni, u tapponta lill-Probation Officer Joanne Battistino sabiex tissorvelja lill-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.